## Attivitajiet April 2025

**L-4 ta' April 2025–Hin 20.00.** Illum peress li Project House mhux disponib-bli, iddeċidejna li norganizzaw **Karaoke, Pizza and Pasta** ġewwa Tiki taka restaurant biswit il-grawnd tal-futbol ta' San Ġwann. **Prezz 15€** Booking permezz ta' **Revolut** għand Maureen Tarpey fuq 79895387
<u>Xorb u deserta mhux inklużi fil-prezz.</u>

**Il-11 ta' April 2025**-Taħdita min-Nutara Antonella ġewwa Project House fit-20.00.

**Il-Ħadd 13 ta' April 2025.** Irtir ġewwa s-Seminarju r-Rabat. Niltaqgħu fid-9.00 għall-café. Ikollna quddiesa u messaġġ minn Fr Saviour u Suor Michela. Wara l-ikel li joħroġ il-kunvent. **Prezz 26€**. **Booking permezz ta' Revolut għand Maureen Tarpey fuq 79895387.**

**It-18 ta' April 2025. 20.00.** Il-Quddiesa tradizzjonali tad-Duluri ġewwa l-kappella tal-Ajruport.

**Il-25 ta' April 2025. 20.00–** Birthday Celebrations ġewwa Il Cor-tile Restaurant Għargħur.

**Starters-**Penne Bolognese jew Penne Salamone jew Soppa tal-ħaxix.
**Main-**Veal Olives jew Chicken Delight jew Sea Bass.
**Deserta-**Profittaroles. Tazza nbid jew soft drink jew ilma.

**Prezz 27€-**Booking permezz ta' **Revolut** għand Maureen Tarpey fuq 79895387. Għidulna x'se tieklu mal-booking.




*Chairperson: Victor Galea– 99899072- Secretary: Charlotte Camilleri 99899751 -Email-info@minusone.eu*

Fuljett ta' kull xahar




Volum 27
Ħarġa 03
April 2025

**Ħbieb,** illum iddeċidejt li nikteb ftit fuq xi tfisser il-ħajja. Għalfejn nitwieldu! Hawn min jirraġuna li qed ngħixu ħajja iebsa ħafna u li fil-ħajja taqla' ħafna daqqiet. Illum jew għada se tegħja taqla' d-daqqiet. **Naqbel!** Imma ejja naraw fil-kwiet x'naħseb jien. Aħna lkoll differenti u tistgħu taħsbuha differenti minni. Hawn ukoll min jirraġuna li l-ħajja wara kollox hi bla skop.

**X'inhi t-tifsira tal-ħajja?**

Din hi waħda mill-akbar domandi li nsibu fil-filosofija u fil-psikoloġija. Ġewwa l-Italja saħansitra kellhom pogramm tajjeb ħafna ta' Paolo Bonolis li kien jismu Il senso della vita.

**Imma xi tfisser il-ħajja?**

L-esperti jgħidu li t-tifsira tal-ħajja hija l-mod kif inħarsu u naraw il-ħajja. Kif irridu ngħixu u x'inhuma r-raġunijiet għalfejn nagħtu l-aħjar li nistgħu kuljum. Jiena nżid li ħafna drabi nagħlqu ħalqna, anke jekk ikollna raġun.

**Liema huma t-3 kelmiet li jiddeskrivu t-tifsira tal-ħajja?**

Agostino Degas, poeta u studjuż Taljan jgħid li hemm 3 kelmiet sempliċi li weħidhom jistgħu jiġbru t-tifsira tal-ħajja "tkun", "tħobb" u "tistaqsi"

Jien naħseb li biex tħossok sodisfatt fil-ħajja għandek bżonn l-affarijiet miktuba hawn taħt. Miktuba mingħajr ebda ordni ta' mportanza.

- **Is-Saħħa** fejn tkun tista' taħdem u l-kapaċità li twettaq il-ħolm li jkollok.
- **Stabiltà Ekonomika** fejn tkun kapaċi tlaħħaq mal-affarijiet tal-ħajja.
- **Rispett Reċiproku** fejn tirrispetta l-opinjoni ta' ħaddieħor u ħaddieħor jirrispetta l-opinjoni tiegħek.
- **Is-Serenità** fejn f'moħħok u f'ħajtek ma jkollokx maltemp kontinwu.
- **Il-Familja u l-Ħbieb** fejn dejjem ikollok ma' min tiftaħ qalbek mingħajr ma tiġi ġġudikat.

*Ikompli f'paġna 2*

Mhux qed nippretendi li se taqblu miegħi f'kollox imma titkellem ma' min titkellem, kulħadd ipoġġi s-saħħa fl-ewwel post. Aħna bħala romol nafu li s-sens tal-ħajja tagħna tbiddel. Nafu xi tfisser is-saħħa. Ġewwa l-Italja, żmien ilu, kien sar studju fejn 64% ta' dawk li attendew poġġew is-saħħa fl-ewwel post fost il-valuri l-aktar essenzjali għal bniedem. **Taqbel?** Dawk li ħadu sehem komplew li mingħajr is-saħħa ma tistax tagħmel pjanijiet fil-ħajja, ma tistax twettaq ix-xogħol tiegħek b'serenita u ma tistax tgawdi l-ħajja.

Bil-Kristjaneżmu, it-tfittxija għat -ifsira tal-ħajja tibqa' ċċentrata fuq il-ħtieġa tal-verità. Il-verità biex tkun tista' tegħleb id-dubji tar-raġuni qabel ma tilħaq tibda taħseb li jiġri x'jiġri u ngħaddu minn xiex nagħddu f'ħajjitna dejjem għandek twaħħal f'xi ħadd. Fil-Medju Evu, il-kwistjoni tat-tifsira tal-ħajja tkompli tindirizza n-nies lejn dak li ma jafux u li jmur lil hinn mill-verità u mir-realtà. Speċjalment, dawk li jwarrbu kull tifsira reliġjuża u mingħajr prinċipji morali jirraġunaw u jgħidu li l-ħajja hi mingħajr skop.

Hemm ħafna x'tikteb u x'tgħid fuq din id-domanda. Imma l-ispazju hu dak li hu. Tħalltux din id-domanda maċ-ċirku tal-ħajja (the circle of life) fejn titwieled, tgħix u tmut. Huma żewġ affarijiet differenti. Wieħed jistaqsi għalfejn ġejna fid-dinja u l-ieħor jirraġuna li aħna nitwieldu, ngħixu u mmutu.

Mhux qiegħed nippretendi li għandna t-tweġibiet għal kollox. Ħadd m'għandu tweġiba għal din id-domanda. Nistgħu nibdew nirraġunaw imma sa hemm nistgħu naslu.

**U għalik xi tfisser il-ħajja?**

**Victor.**

<u>Il-Kamera tar-Ritratti. Tikteb Maureen Tarpey.</u>

Kif kont qiegħda għall-kwiet waħdi, bdew ġejjin ħafna ħsibijiet u tifkiriet ta' meta kont għadni żgħira u bi tbissima għaddieli l-ħsieb biex naqsam magħkom dan kollu.

Konna nifirħu kważi mix-xejn għax ma trabbejniex fil-lussu li għandhom illum, iżda konna kapaċi napprezzaw anke l-iċken ħaġa. Meta speċjalment f'għeluq żmienna jew kif ngħidu aħna tas-south faqsitu, jew fi żmien il-Milied nistennew dak ir-rigal li tant inkunu ilna nistennew.

*Ikompli f'paġna 3*

Jiena nkun ilni neqred jew nagħti xi ħjiel ta' xi nkun qed nistenna, naħseb li anke intom, bħali hekk kontu tagħmlu! Niftakar li kien wasal għeluq żmieni. Bħal dejjem, ommi kienet taħmi kejk tal-birthday. Dan kienet taħmih f'dik l-imbierka Borma Forn. Kienet tagħmlu flimkien ma' xi pastini u xi ikel ieħor. Flimkien ma' oħti l-kbira kienu jżejnu l-cake u l-kamra għall-okkażjoni, il-kuġini (li konna mhux ħażin) maż-żewġt ibniet tal-ġara li kull sena ma kinux jitilfu dan l-appuntament.

Nilagħbu xi logħob bejnietna filwaqt li nippruvaw ma nagħmlux storbju għaliex fit-triq tagħna l-ġirien kienu kollha anzjani. Dawn jew kienu żżewġulhom it-tfal jew kienu għadhom se jżewġu, ħlief għat-tfal tal-ġara tagħna.

Meta għalaqt l-10 snin, qlajt kamera tar-ritratti. Din kienet Kodak. Kienet sewda u kbira mhux ħażin. L'hena tiegħa li kull fejn konna mmorru kont inġorra miegħi u kont noqgħod b'sebgħa għajnejn li ma nitlifix għax dik kelli u ma kienx hemm oħra. Jekk immorru Għawdex maz-zijiet u l-kuġini, l-Armier għax-xalata jew xi mixja fil-kampanja kulħadd irid jiġi jidher fir-ritratti u Allaħares tħalli lil xi ħadd barra għax malajr idendlu l-geddum.

Meta żżewwiġt ħadt miegħi skoss albums. Fil-bidu kont nagħmilhom fi scrapbook. X'memorji! Kull ritratt għandu storja marbuta miegħu. Ifakkarna fil-persuna jew fil-post fejn konna. Nistqarr magħkom li meta nqalleb, paġna paġna, dawn l-albums ninduna kif għadda ż-żmien.

Kemm jidhru nies li m'għadhomx magħna, imma li ħallew memorji sbieħ, u permezz ta' dawn ir-ritratti nibqa' ngħożżhom tul ħajti. Xi tbissima 'l hemm u 'l hawn ma tonqosx. Min jaf dak ir-ritratt li ħadna jkunx l-aħħar wieħed ta' dak il-post jew ta' dik il-persuna li jkollna f'qalbna!

Maureen Tarpey.

Jannar 2025.

